WIKIPEDIA

Lingwa Maltija

Il-**Malti** huwa l-ilsien nazzjonali tar-Repubblika ta' Malta. Huwa l-ilsien uffiċjali flimkien mal-Ingliż; kif ukoll wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan l-ilsien għandu sisien u għerq semitiku, ta' djalett Għarbi li ġej mill-Afrika ta' Fuq, għalħekk qatt ma kellu rabta mill-qrib mal-Għarbi Klassiku. Iżda tul iż-żminijiet, minħabba proċess tal-latinizzazjoni ta' Malta, bdew deħlin bosta elementi lingwistiċi mill-Isqalli, djalett ta' art li wkoll għaddiet minn żmien ta' ħakma Għarbija. Wara l-Isqalli beda dieħel ukoll it-Taljan, fuq kollox fiż-żmien tad-daħla tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann sa meta l-Ingliż ħa post it-Taljan bħala l-ilsien uffiċjali fil-Kostituzzjoni Kolonjali tal-1934. Il-Malti huwa l-ilsien waħdieni ta' għajn semitika li jinkiteb b'ittri Latini. L-alfabett Malti magħmul minn 30 ittra (24 konsonanti u 6 vokali) li jidhru f'din l-ordni:

Malti (*Malti*)

Mitkellma fl-	Malta
Reġjuni:	Ewropa
Kelliema:	520,000
´Familja:	Lingwi Semitiċi
Uffiċjali	
Lingwa uffiċjali ta':	Malta Unjoni Ewropea
Regolati:	Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
Kodiċijiet	
ISO 639-1:	mt (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=mt)
ISO 639-2:	mlt (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=mlt)
ISO 639-3:	mlt (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=)
SIL:	[1] (http://www.sil.org/iso639-3/documentation.asp?id=)

Ara ukoll: Lingwa

Ittri Kbar																											
A	B	Ċ	D	E	F	Ġ	G	Għ	H	Ħ	I	IE	J	K	L	M	N	O	P	Q	R	S	T	U	V	W	X	Ż	Z
Ittri Żgħar																											
a	b	ċ	d	e	f	ġ	g	għ	h	ħ	i	ie	j	k	l	m	n	o	p	q	r	s	t	u	v	w	x	ż	z

Werrej

Għamla

Ġrajjiet

L-Ilsien Malti fil-Kostituzzjoni ta' Malta

Kittieba bil-Malti

- Rumanziera
- Awturi ta' Novelli
- Poeti
- Drammaturgi

Aktar tagħrif

Dizzjunarji fuq l-Internet

Għamla

Il-Malti huwa lsien magħmul minn bċejjeċ lingwistiċi mħalltin li juru iż-żminijiet li għadda minnhom il-ġens fl-imgħoddi, imgħoddi mimli ħakmiet barranin matul mijiet ta' snin. Għalkemm għandu sisien Għarbija, nistgħu naraw li l-ilsien Malti huwa mibni minn għadd kbir ħafna ta' bċejjeċ li ġew minn miklem rumanzi (mit-Taljan u mill-Franċiż) u wkoll, iktar biswitna fiż-żmien, mill-Ingliż.

L-ilsien Malti beda jiġi meqjus bħala l-ilsien uffiċjali tal-gżejjer Maltin mis-sena 1934, meta dan iddaħħal mal-Ingliż minħabba li l-akbar biċċa tan-nies ma kinux jafu jaqraw, dan ifisser li l-ġens Malti la kien jaf jitkellem bit-Taljan u wisq inqas bl-Ingliż; dan huwa l-każ tipiku fejn bejn żewġ ġellieda, igawdi t-tielet wieħed. Kienet ġrajja kontroversjali ħafna meta wieħed jaħseb li dak iż-żmien, Malta kienet taħt il-ħakma tal-Ingliżi, u b'hekk kien hemm kunflitt ta' interess meta l-Ingliżi nfushom ħolqu kostituzzjoni li kienet tagħti daharha lill-kultura li kienet ilha tgħix għal mijiet ta' snin. Iżda wieħed ma jistax iċaħħad il-fatt li l-Ingliż kellu sehem qawwi fit-tmexxija 'l quddiem soċjo-politiku u awtonomu ta' dan il-ġens.

Għalkemm il-Malti daħal f'ħafna oqsma tas-soċjetà bħalma huma l-politika, il-liġi u, sa ċertu punt, il-midja popolari, l-Ingliż f'Malta huwa l-ilsien ewlieni f'dak li għandu x'jaqsam mas-settur tal-kummerċ barrani, u studji Xjentifiċi (inklużi l-istudji tal-Matematika, il-Fiżika, il-Mediċina, u b'mod mill-iktar predominanti, fl-Informatika). Instab ħafna, minn riċerkaturi storiċi, f'manuskritti ġewwa l-Bibljoteka Nazzjonali fil-Belt Valletta (meqjusa fost l-eqdem imkatab nazzjonali fid-dinja), u fi bnadi oħra sabiex jiġi muri b'mod dirett it-tħaddim tal-ilsien Malti lura fis-snin, u s'issa nafu sew li dan kien miteħaddem f'sura tixbah dik tal-lum sa mis-Seklu XVI.

Ġrajjiet

Matul bosta żminijiet il-Maltin ħaddnu l-ilsien Taljan bħala l-ilsien uffiċjali tal-pajjiż. : Il-Kavallieri ta' San Ġwann, bejn l-1530 u l-1798 ħaddnu t-Taljan bħala lsien uffiċjali (ferm qabel l-Italja stess, li ngħaqdet bħala stat wieħed, bid-djalett Toskan, il-Fjorentin, djalett Taljan ta' Firenze, bħala lsien tal-ġens) fl-1864.

Mal-wasla tal-Ingliżi fis-sena 1800, il-gżejjer Maltin għaddew minn taħt idejn is-sultan taż-Żewġ Sqallijiet, li kien wiret iċ-ċens perpetwu tal-Gżejjer Maltin mingħand is-Sagru Imperu Ruman, għal taħt il-ħakma tal-Imperu Brittanniku uffiċjalment fis-sena 1814, u tant kienu jiswew għall-Ingliżi li dawn kienu lesti jagħmlu għall-Franċiżi mbasta Malta tibqa' f'idejhom. Dwar l-ilsien dan ma biddel xejn għaliex it-Taljan kompla jgawdi għeruq qawwija ġewwa Malta, l-aktar fost in-nies mgħallma, professjonisti, reliġjużi imlaħħqa u kummerċjanti kbar.

Mal-wasla tagħhom f'Malta, l-Ingliżi sabu pajjiż bi klassi ta' nies ta' skola (tobba, avukati, kleriċi, nutara, periti u riċerkaturi) li kienu jżommu mat-Taljan, u meta tħalliet il-libertà tal-istampa naraw kif bdew ifaqqsu rivisti u ġurnali bit-Taljan. Kien fattur li poġġa lil Malta fi klassi oħra ta' territorji maħkuma mill-Ingliżi. Malta kellha l-klassi politika tagħha, il-qrati tagħha, reliġjon organizzata, u bażi infrastrutturali ta' marsiet u difiża tajbin ħafna għal dak iż-żmien. Żgur li din tal-aħħar flimkien mas-serħan tal-moħħ li l-Maltin ma kienux ser jiġġieldu kontrihom, kienu ġibda li żammew lill-Imperu Brittanniku f'Malta dak iż-żmien.

Tajjeb li naraw li għalkemm il-klassi mgħallma tal-pajjiż kienet żgħira fl-għadd u għaldaqstant inqas meta mqabbla man-nies kollha, din ma kinitx karatteristika lokali biss. Tassew, din kienet qagħda li wieħed seta' jqabbel ma' bnadi oħrajn tal-Ewropa ta' nofsinhar (bħal fi Sqallija u fl-Italja t'Isfel) fejn ftit kienu n-nies li kellhom aċċess għat-tagħlim.

L-element ta' konvenjenza politika beda jaqbad art ġmielu hekk kif l-ekonomija u l-kummerċ tjiebu, u dan ġara b'mod speċjali meta faqqgħet il-gerra tal-Krimea u meta nfetaħ il Kanal ta' Sueż, li poġġa 'l Malta fil-mogħdija ewlenija tal-Imperu Britanniku. Il-preżenza militari Ingliża ġibdet kummerċ u ċaqliq ta' nies, saħħet is-snajjiet tradizzjonali marbuta mal-industriji tal-marsijiet iżda daħlet snajja' ġodda u tagħlim ġdid fil-mekkanika. F'kelma waħda, żdied il-kuntatt mal-Ingliżi tant li l-ilsien

Ingliż (għax qabel ekonomikament u 'l quddiem, politikament ukoll) bdiet tinbet bħala t-tieni lsien wara t-Taljan. Din tal-aħħar kienet taħkem fost il-professjonisti u kleriċi li kellhom rispett u importanza fost in-nies bla tagħlim. Il-popolin qajla kellu aċċess għat-tagħlim għaldaqstant ftit li xejn kellu rwol f'dan il-kuntest ta' żvilupp lingwistiku dak iż-żmien.

L-Ilsien Malti fil-Kostituzzjoni ta' Malta

Il-Kostituzzjoni Repubblikana ta’ Malta, Kapitlu I, Artiklu 5, tgħid hekk:

(1) L-ilsien Nazzjonali ta’ Malta huwa l-ilsien Malti.

(2) L-ilsien Malti u l-ilsien Ingliż u dawk l-ilsna l-oħra li jistgħu jiġu preskritti mill-Parlament (b’liġi mgħoddija b’mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati) ikunu l-ilsna uffiċjali ta’ Malta u l-Amministrazzjoni tista’ għall-finijiet kollha uffiċjali tuża kull wieħed minn dawk l-ilsna: Iżda kull persuna tista’ tindirizza ruħha lejn l-Amministrazzjoni f’kull wieħed mill-ilsna uffiċjali u t-tweġiba tal-Amministrazzjoni għal hekk tkun b’dak l-ilsien.

(3) L-ilsien tal-Qrati jkun l-ilsien Malti: Iżda l-Parlament jista’ jagħmel dak il-provvediment għall-użu tal-ilsien Ingliż f ’dawk il-każijiet u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista’ jippreskrivi.

(4) Il-Kamra tad-Deputati tista’, meta tirregola l-proċedura tagħha, tistabbilixxi l-ilsien jew l-ilsna li għandhom ikunu wżati fi proċeduri u annotazzjonijiet parlamentari.

Kapitlu VI, Artiklu 74 jgħid hekk:

Ħlief kif provdut xort’oħra mill-Parlament, kull liġi għandha ssir kemm bl-ilsien Malti kif ukoll bl-ilsien Ingliż u, jekk ikun hemm xi kunflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż ta’ xi liġi, it-test Malti għandu jiġi minn fuq.

Kittieba bil-Malti

Interessanti huwa l-għadd dejjem jikber ta' xogħlijiet letterarji Maltin ta' nies bħal Oliver Friggieri, li l-kotba tiegħu ta' proża u poeżija ġew maqluba għall-bosta ilsna oħra u għadd kbir ta' kittieba żgħażagħ. L-iktar tliet kittieba Maltin magħrufa fid-dinja huma Francis Ebejer (drammaturgu), Dun Karm Psaila (il-poeta nazzjonali) u Oliver Friggieri.

Rumanziera

- John F. Marks - awtur tar-rumanz soċjali *Tejbilhom Ħajjithom*
- Alfons Maria Galea - fundatur tas-sensiela tal-*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* bil-Malti
- Ġino Muscat Azzopardi - awtur ta’ *Anġli tan-Niket*
- Ġużè Aquilina - awtur ta' *Taħt Tliet Saltniet*
- Ġużè Bonnici - awtur ta' rumanzi u novelli
- Ġużè Galea - awtur ta' *Raġel bil-Għaqal*, *San Ġwann* u rumanzi storiċi oħra
- Ġużè Ellul Mercer - awtur tar-rumanz Leli ta’ Ħaż-Żgħir, u djarju tal-gwerra *Taħt in-Nar*
- Ġużè Orlando - awtur tar-rumanz *L-Ibleh*
- Ġużè Chetcuti - awtur ta’ novelli u rumanzi, drammi kif ukoll ta’ studji kritiċi
- Ġwann Mamo - awtur tar-rumanz *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*
- Pawlu Xuereb - awtur ta’ rumanzi tad-ditektifs.
- Kelinu Spiteri magħruf bħala *Kilin*.
- J. J. Camilleri - l-awtur ta' *Aħna Sinjuri* u rumanzi oħra
- Frans Sammut - awtur ta' rumanzi fosthom *Il-Gaġġa*, *Samuraj* u *Il-Ħolma Maltija*
- Paul P. Borg - awtur ta' *Dal-Lejl Ġie Alla*
- Trevor Zahra-awtur ta' l-ghar tax-xelter
- Oreste Calleja - awtur ta' drammi, fosthom "Anestesija", "Satira", "Pawlu Redux"

Awturi ta' Novelli

- Carmel G. Cauchi
- Pietru Pawl Saydon - awtur ta' novelli, traduttur tal-Bibbja

- Lino Spiteri - awtur ta' novelli u rumanzi
- Temi Zammit - kittieb tal-ktieb Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja Tagħhom

Poeti

(*Ara wkoll Lista tal-poeti tal-ilsien Malti*)

- Mario Azzopardi
- Ġorġ Borg
- Ružar Briffa
- Anton Buttigieg - Il-Poeta tan-Natura
- Dun Frans Camilleri
- Ninu Cremona
- Anastasju Cuschieri - Il-Poeta tal-Madonna
- Ġużè Delia - Il-Poeta tal-Leġġendi
- Victor Fenech
- Albert Marshall
- Ġużè Muscat Azzopardi
- Dun Karm - Il-Poeta Nazzjonali
- Joe Friggieri
- Oliver Friggieri
- Mary Meilak
- Achille Mizzi
- Ġorġ Pisani - Il-Poeta tal-Istorja
- Philip Sciberras - poeta; magħruf għall-*Mandala*
- Marjanu Vella
- Karmenu Vassallo - Il-Poeta tan-Nirien
- Ġorġ Zammit

Drammaturgi

- Oreste Calleja
- Albert Cassola
- Ġużè Diacono - ġurnalist u kittieb ta’ drammi b’tema socjali realistika. Awtur tad-dramm *Il-Madonna taċ-Ċoqqa*.
- Francis Ebejer
- Alfred Sant - awtur ta' drammi, rumanzi u novelli

Aktar tagħrif

- Għal aktar tagħrif fuq il-lingwa Maltija żur: http://en.wikipedia.org/wiki/Maltese_language
- Il-Ħidma tal-Partit Laburista favur l-Ilsien Malti
- Hull, Geoffrey. The Malta Language Question: A Case Study in Cultural Imperialism. Said International, Valletta, 1993.

Dizzjunarji fuq l-Internet

Il-Wikizzjunarju għandu daħla li għandha x'taqsam ma': ***Malti***

Dizzjunarju Ingliż-Malti/Malti-Ingliż

- Agħfas hawn għal Dizzjunarju (http://www.dicts.info/dictionary.php?l1=English&l2=Maltese)

Dizzjunarju Universali tal-Malti

- Agħfas hawn għal Dizzjunarju mill-Malti għal ħafna lingwi oħra (http://www.dicts.info/dictlist1.php?l=Maltese)

Dizzjunarju Bażiku Malti

- Agħfas hawn għal Dizzjunarju Bażiku tal-Malti għal xi lingwi oħra (http://dicts.info/basic/index.php?w=kelma&l1=maltese&l2=italian)

Miksub minn "https://mt.wikipedia.org/w/index.php?title=Lingwa_Maltija&oldid=258071"

L-aħħar bidla fuq il-paġna: 09:24, 24 Lul 2020.

It-test huwa disponibbli taħt il-Liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike; jistgħu japplikaw xi kundizzjonijiet oħra. Ara l-kundizzjonijiet tal-użu għal aktar dettalji.